- *INIBIZZJONI TA' MINURI LI JSIEFER MINN MALTA –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 15 ta' Mejju, 2002**

**Kawza Numru: 22**
**Citazzjoni Numru: 217/02/RCP**

**Antoine Farrugia**

**vs**

**Christine Anne Pace Bonello**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn l-attur ippremetta:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-1 ta' Ottubru 1994 u miz-zwieg taghhom kellhom tifel u cioe' Deyan illi twieled fit-18 ta' Awissu 1995.

Illi b'kuntratt in atti tan-nutar Peter Fleri-Soler tas-26 ta' Marzu 2001 (Dok A), l-attur u l-konvenuta ottenew separazzjoni personali u (a fol 2 - Sec 2A) ghandhom kustodja konguntiva tant li l-minuri jghix gimgha ma' l-attur u gimgha mal-konvenuta.

Illi l-attur ghandu suspett fondat li l-konvenuta ser temigra lejn l-Awstralja tant Ii l-istess konvenuta talbet lill-attur li jinhareg passaport ghall-istess minuri sabiex tkun tista' tiehdu maghha ghal vaganza lejn l-Awstralja.

Illi l-attur jibza' li l-konvenuta ma tergax tirritorna lura mill-Awstralja u dana peress li l-*partner* attwali taghha ghandu familjari li jghixu l-Awstralja u hi kemm-il darba esprimiet ix-xewqa Ii titlaq.

Illi fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 209/02, l-attur talab u fit-12 ta' Frar 2002 ottjena l-hrug ta' l-opportun mandat illi bih gie inibit u pprojbiet is-safar ta' l-imsemmi tifel minuri.

L-istess attur talab li ghaldaqstant il-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni necessarja w opportuna:

1. tordna u tiddikjara illi l-attur ghandu interess illi l-minuri Deyan fuq imsemmi ma jittihiedx barra minn

Malta u l-istess attur huwa intitolat jezercita l-access ghall-imsemmi minuri kif stabbilit fil-kuntratt in atti tan-nutar Peter Fleri-Soler tas-26 ta' Marzu 2001 (Dok A).

2. konsegwentament tinibixxi definittivament lill-konvenuta milli tiehu u ssiefer liIl-minuri Deyan barra minn Malta.

3. tordna illi b'effett ta' l-eventwali sentenza ta' din l-Qorti u sakemm l-istess tigi varjata bil-mod stabbilit bil-ligi, l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi numru 209/02, komprizi dawk l-ordnijiet moghtija bis-sahha ta' l-istess mandat Iill-ufficjali msemmija fil-mandat, jibqghu definittivament fis-sehh.

BI-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi numru 209/02, kontra l-konvenuta illi tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti hemm esebiti (fol 4 sa 18 tal-process;

Rat li l-konvenuta debitament notifikata fl-10 ta' April 2002 baqghet ma pprezentat l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk waqghet kontumaci.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi l-kawza odjerna titratta dwar talba da parti ta' l-attur missier il-minuri sabiex l-istess minuri ma jittehidx barra minn Malta.

Illi din il-Qorti qed tiddeciedi l-istess kawza, kif ghandha tiddeciedi fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi l-unika provi prodotti fil-process jirrizulta li huma dawk ta' l-attur li kkonferma d-dikjarazzjoni attrici u d-difensur tal-istess tat spjegazzjoni ghaliex l-attur qed jaghmel dawn it-talbiet fl-isfond tal-premessi tac-citazzjoni.

Illi l-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz u anke peress li l-kontendenti jinsabu separati legalment, kif jidher mill-kuntratt ta' separazzjoni pubblikat fis-26 ta' Marzu 2000, li huwa fl-interess ta' l-istess minuri li fis-sitwazzjoni prezenti m'ghandux jittiehed il-barra mill-gurisdizzjoni taghha hlief b'ordni tal-Qorti jew jekk il-partijiet rispettivi jaghtu l-kunsens taghhom bil-miktub biex dan ikun jista' jsir fil-futur.

Illi ghalhekk in vista tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif ser jinghad aktar il-quddiem.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. tordna u tiddikjara illi l-attur ghandu interess illi l-minuri Deyan fuq imsemmi ma jittihiedx barra minn Malta u l-istess attur huwa intitolat jezercita l-access ghall-imsemmi minuri kif stabbilit fil-kuntratt in atti tan-nutar Peter Fleri-Soler tas-26 ta' Marzu 2001 (Dok A).

2. konsegwentament tinibixxi definittivament lill-konvenuta milli tiehu u ssiefer liIl-minuri Deyan barra minn Malta.

3. tordna illi b'effett ta' l-eventwali sentenza ta' din l-Qorti u sakemm l-istess tigi varjata bil-mod stabbilit bil-ligi, l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi numru 209/02, komprizi dawk l-ordnijiet moghtija bis-sahha ta' l-istess mandat Iill-ufficjali msemmija fil-mandat, jibqghu definittivament fis-sehh.

B'dan pero` li dan jibqa' jsehh hlief jekk xi parti tigi awtorizzata tiehu lill-minuri barra minn Malta b'Digriet jew Decizjoni *ad hoc* tal-Qorti kompetenti Maltija, u biss ghar-ragunijiet u ghat-termini li jigu specifikati fl-istess decizjoni, u l-Qorti tordna li ghal dan l-iskop kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata u notifikata

kemm lill-Ufficjal tal-Passaporti sabiex jassigura l-istess u sabiex l-isem tal-istess minuri ma jiddahhalx fil-passaport tal-ebda wiehed mill-kontendenti u kemm lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jara li l-istess minuri ma jithalliex jittiehed barra minn Malta, hlief fuq decizzjoni tal-Qorti kompetenti, komunikata lilu skond il-ligi.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi numru 209/02, kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**15 ta' Mejju 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**15 ta' Mejju 2002**